

P6_TA(2007)0579

Ftehimiet KE/GeVja, il-Libanu, il-Maldivi, il-Moldova, Singapor u l-Urugwaj: Protokolli li jemendaw il-Ftehimiet dwar ċerti aspetti tas-servizzi bl-ajru wara tal-Bulgarija u tar-Rumanija *

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Diċembru 2007 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' Protokolli li jemendaw il-Ftehimiet dwar ċerti aspetti tas-servizzi bl-ajru bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tal-GeVja, ir-Repubblika tal-Libanu, ir-Repubblika tal-Maldivi, ir-Repubblika tal-Moldova, il-Gvern tar-Repubblika ta' Singapor u r-Repubblika Orjentali ta' l-Urugwaj biex tittieħed kunsiderazzjoni ta' l-addeżjoni ma' l-Unjoni Ewropea tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija (COM(2007)0366 – C6-0265/2007 – 2007/0125(CNS))

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill (COM(2007)0366),
- wara li kkunsidra l-Artikoli 80(2) u 300(2), l-ewwel subparagrafu, l-ewwel sentenza, tat-Trattat KE,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 300(3), l-ewwel subparagrafu, tat-Trattat KE, skond liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C6-0265/2007),
- wara li kkunsidra l-Artikoli 51, 83(7) u 43(1) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħi,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A6-0456/2007),
 1. Japprova l-konklużjoni tal-Protokolli;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħi sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, u lill-gvernijiet u l-parlamenti ta' l-Istati Membri u lill-Gvern tal-GeVja, tar-Repubblika tal-Libanu, tar-Repubblika tal-Maldivi, tar-Repubblika tal-Moldova, lill-Gvern tar-Repubblika ta' Singapor u tar-Repubblika Orjentali ta' l-Urugwaj.